MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 133/2010

Kawza fil-lista: 30

**D T**
**vs**
**P B**

**Il-Qorti,**

Rat it-tikors gurmanetat li permezz tieghu l-attur ippremetta : li l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Jannar, 1997 mil-liema zwieg ma twildux tfal ; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga ; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-

obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga ; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur ; li l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kinux interdetti jew morda b'mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg ; li ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u.jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) y /jew 19 (1)(g) u/jew `9 (1) (h) ; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti, sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta cahdet it-talbiet attrici fit-totalita' taghhom stante li dan l-kunsens ghal dan iz-zwieg : qatt ma inkiseb b'qerq, ma kien vizzjat bl-ebda difett, qatt ma inkiseb b'xi eskluzjoni pozittiva ; qatt ma kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u ma hu minnu xejn li l-kunsens kien difettuz kif se jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ; bl-ispejjez ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikoli tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghal din it-talba, u qeda tichad li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat kif sostnut mill-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu meta l-attur kellu 27 sena u l-konvenuta kellha 25 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin 8 snin. Xtraw '*shell form maisonette';* Haddmu fih u rrangawh u zzewgu fil-25 ta' Jannar 1997. Ftit qabel it-tieg kienet mietet in-nanna tal-konvenuta u kien irrizulta wkoll li hu l-attur kien marid serju u kellhu jmur Londra ghall-kura. Ghal *honeymoon* marru gimgha Londra, fejn kienu zgharu lil dan hu l-attur. L-konvenuta qabel it-teig kienet qeda tiehu kura geneologika u din il-kura tkompliet wara z-zwieg. Din kienet titratta ukoll dwar il-fertilita taghha u minn banda effettwat ir-relazzjoni intima ta' bejniethom billi kienet tkun ta' spiss ma tiflahx..

Illi wara xi sentejn li zzewgu, l-attur beda jahdem bis-shift li kienu jinkludi l-*weekends'* filwaqt li l-konvenuta komplliet tahdem hinijiet normali mit-tnejn sal-gimgha, u kienet tasal id-dar fl-4 ta' wara nifsinhar. Wara 5 snin (fil 2002) l-attur iddecieda li jibda kors l'Universita.

Illi jidher li fil-hajja konjugali kien ikollhom ta' spiss argumenti li ma kienux fuq affarijiet serju pero kienu jinfluenzaw lil attur peress li ma kienx jinstab soluzzjoni ghalihom. Ukoll l-istil tal-hajja, billi kienu jahdmu f'hinijiet differenti, effettwat il-komunikazzjoni ta' bejniethom u l-intimita sesswali. Ftit ftit il-hajja konjugali bdiet tiddeterjora sakemm wara 9 snin, wara li l-attur mar *'counselling'* iddecida li jissepara bonarjament kif fil-fatt ghamlu.

Tfal ma twieldux minn dan iz-zwieg.

*Verzjoni attur*
L-attur jghid li sa minn meta kien *'teenager'* kien ibati minn *'inferiority complex',* kien kwiet u misthi b'mod esagerat u b'rizultat ta' dan kellu biza' li *'qatt ma kont ser insib persuna li nkun nista' nizzewwigha.'* (folio 10) Ghalhekk meta fir-relazzjoni li beda ma' tfajla sentejn izghar minnu, (hu kellu 19 il-sena) kien ikun hemm *'glieda kontinwa'* minhabba argumenti fil-vojt ta' bla soluzzjoni, kien jaghmel mezz biex jirranga ghax qatt ma kellu kuragg li jhassar; kien ossessjonat li jizzewweg u jkun settled.

*'Minkejja dan kollu ahna konna xtrajna post.'* U wara 9 snin izzewwgu; kien xtaq it-tfal kuntrarju ghall-konvenuta li jhgid li *'ma kinitx ittini l-impressjoni, u li ma kinitx interessata,'* Kellha problemi geneologici u ta' obesità. Jghid li biex jevita il-konfronti spissi beda jahdem shift fil-*'weekends'* u aktar tard fill-2002 dahal jaghmel kors fl-Università. Ma hassux kuntent fir-relazzjoni ma martu u anke kien jevita li jkollha x'jaqsam maghha li ma tmurx tinqabad tqila.

Il-hajja problematika geghlithu jikkonsulta ma' marriage counselor u irrealizza: *'li missni qatt ma zzewwigt lil P ghaliex ma kontx nifhem x'hinu verament l-iskop ta' zwieg u x'jinvolvi verament.' (*Folio 14) Il-marriage counselor kien umbaghad ipproponhielu jmur jghix ftit wahdu biex jara kif issib ruhu. Sab ruhu tajjeb u talab separazzjoni u beda hajja wahdu, u ftit wara beda relazzjoni ma' mara ohra li baqa' jghix maghha sallum.

*Verzjoni konvenuta*
Il-konvenuta tikkonferma li kien ikun hemm argumenti, li forsi kienu jkunu anki fuq ix-xejn, pero dawn ma halqux problemi bejniethom - *'kien ikollna mumenti sbieh fir-relazzjoni taghna' u 'kienu jcemplu lil xulxin ta' spiss biex nisimghu lehen xulxin.'* Tikkonferma illi flimkien kienu xtraw il-post u komplewh. Dwar il-gurnata tat-tieg tghid li hadu gost hafna it-tnejn kemm huma. Tghid li fil-hajja mizzewga *'Ma nahsibx li konna glied biss fir-relazzjoni taghna, allahares'* (Folio 29) u li '*dejjem rajtha li kienet wahda normali,,,…..mhux kollox kien dejjem jimxi harir, imma kien ikollna mumenti sbieh ukoll.'* (Folio 28) u dawn kienu jkunu specjalment fil-bidu – *'konna nohorgu, niddevertu.'* (Folio 30)

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Meta l-partijiet hadu l-kunsens taz-zwieg ;-attur kellu 27 sena u l-konvenuta kellha 25 sena; it-tnejn kienu maturi, kienu jafu x'jirrikjedi iz-zwieg u il-fatt li kienu lhom 9 snin flimkien u li ta' spiss kienu jargumentaw jindika li kien hemm cans li jsiru jafu lil xulxin. It-tnejn iddecidew, minghajr ma kienu sfurzati minn hadd, biex jizzewgu;

xtraw post gharmawh u ppreparaw ghall-gurnata tat-tieg taghhom; kienu jemmnu fiz-zwieg u dahlu ghalih b'certa responsabbilità.

It-tnejn jablu li minn mindu kienu gharajjes kienu ta' spiss jidhlu f'argumenti ta' natura hafifa u li pero kienu jiddevertu flimkien bhal meta kienu johorgu jieklu (folio 36, 37). Tant kienu jkunu fuq affarijiet zghar li l-attur, ghalkemm ma kienx komdu f'din is-sitwazzjoni, qatt ma azarda jitlaq meta l-konvenuta kienet tghidlu biex jitlaq - kien jibza jitlaq u jispicca mir-relazzjoni ghax dejjem beza li jibqa wahdu. Jallega li zzewweg ghax kien ihadden din il-biza u mhux ghax kien ihobb lill-konvenuta. L-incertezza tal-futur hija kommuni, specjalment fl-addoloxenza, pero ma giex pruvat li kienet daqshekk gravi li setghet tostakola l-uzu tal-fakolta kritika tal-attur biex jiddecidedi u jaghzel liberament biex jizewweg.

Il-fatt li l-attur jammetti li ghamel zball, jindika li kellu konoxenza ta' x'qed jaghmel u ghalxhiex huwa diehel fil-mument tal-kunsens ; kien hemm il-konoxenza u l-volonta. Din il-volonta kienet tezzisti anke qabel iz-zwieg : *'kelli t-tir tieghi li jiena nissetilja u nizzewweg u kont nghid ma nigix qisni biex nipprova ha nitlef forsi cans jekk seta' jirnexxi.'* (folio 36) Il-fatt li iz-zwieg falla, ghax skond l-attur kien zball, ma jistax umbaghad jigi allegat li l-kunsens kien b'xi mod ivvizjat. Ghazla zbaljata fiz-zwieg ma tirrendhiex kunsens difettuz.

Ir-riluttanza fl-attijiet sesswali bejn xulxin fil-hajja mizzewwga ma gietx pruvata ghax waqt li it-tnejn jammettu li meta kienu gharajjes kienu iddecidew li ma jaghmlux l-att taz-zwieg, (folio 59) fil-hajja konjugali il-konvenuta tichad li kien hemm xi nuqqas f' dan ir-rigward. Il-partijiet jammettu li 'l-bidu tal-hajja konjugali kienet normali u kien biss meta l-attur beda jahdem is-shift tal-*'weekends'* (sentejn wara), u meta bdew jiffaccjaw problemi ta' infertilita li zdiedu l-argumenti xi daqqiet anki fuq ix-xejn.

Il-bazi tal-inkwiet kollu matrimonjali bejn il-partijiet kien in-nuqqas ta' kommunikazzjoni, li aktar tard iggravat meta l-

attur beda jistudja, u wkoll minhabba il-kapacita li jiffaccjaw, jiddiskutu u jsolvu argumenti anke frivoli li nqalghu bejniethom tul is-snin. Kien ghalhekk li iz-zwieg tkisser u mhux ghax il-kunsens kien vizzjat b’xi qerq, simulazzjoni, nuqqas ta’ gudizzju jew ghax kien marbut ma xi kundizzjoni fil-futur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------